**Punti għad-Diskors – Seminar għall-Intrapriżi li joperaw fis-settur tal-ipproessar ta' prodotti agrikoli dwar il-Miżura 123: Valur miżju fuq prodotti agrikoli**

***20.03.09***

Ninsab ċert li grazzi għall-inizjattiva tal-MEUSAC, flimkien mal-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, illum sirtu konxji iktar mill-għajnuna li teżisti mill-UE speċifikament għall-intrapriżi speżjalizzati fl-agroproċessar u li tindirizza l-ħtiġijiet tagħkom, permezz tal-Pjan ta' Żvilupp Rurali għal Malta li jkopri perjodu ta' 7 snin – mill-2008 sal-2013.

Illum ġiet diskussa miżura li taqa' taħt l-Ewwel Prijorita' ta' dan il-Pjan ta' Żvilupp Rurali - dik li tiffoka fuq il-Kompetitivita' tas-settur agrikolu. Din il-Miżura qed tindirizza l-bżonn ta' agriproċessar aktar effiċjenti u innovattiv billi ssaħħaħ il-*link* bejn produtturi primarji u dawk li jipproċessaw il-prodotti agrikoli, permezz ta' innovazzjonijiet u teknoloġiji ġodda.. B'hekk jiġu indirizzati l-kompetitivita' u l-vijabilita' finanzjarja kif ukoll t-titjib fil-valur tal-prodotti agrikoli Maltin.

Grazzi għal din il-miżura ikollkom l-opportunita' li tesploraw swieq ġodda, ittejbu l-kwalita' u l-ħarsien ambjentali, iżżidu s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll l-iġjene u l-kura ta' l-annimali.

Il-Miżura 123 tħaffef it-titjib fl-ipproċessar u l-*marketing* ta' prodotti agrikoli billi:
- tgħin l-investiment li jsiru biex itejbu l-effiċjenza
- jiftħu opportunitatjiet ta' swieq ġodda għal prodotti agrikoli
- jiddaħlu teknoloġiji ġodda u innovattivi
- itejbu l-kwalita'
- itejbu l-ħarsien ambjentali, l-iġjene u l-kura tal-annimali.

Il-Vvern jinċentiva lill-intrapriżi biex jutilizzaw dawn il-fondi għax l-opportunitajiet li jeżistu ser jgħinukom fl-immodernizzar tal-prattiċi tagħkom biex tkunu iktar effiċjeni f'xogħolkom. (eż. Hemm għajnuna għal istallazzjoni ta' apparat u makkinarji neċessarji, ristrutturar u bini ġdid fejn isir l-agroproċessar). Ovvjament il-ħajja agrikola qed issir iktar diffiċli minn qatt qabel u l-aspettattivi tal-konsumaturi qed jiżdiedu. Naf li l-maġġoranza tal-intrapriżi lokali, speċjalment dawk li huma speċjalizzati fl-agroproċessar huma pjuttost zgħar. Għaldaqstant l-UE għarfet il-bżonnijiet speċifiċi tagħkom u qed tagħtikom l-inċeniv biex tinvestu fil-qasam tagħkom. Qed tgħinkun ukoll biex tkunu konformi ma' rekwiżit ġodda biex tlaħħqu ma' kwalita mistennija mill-konsumatur.

Dil-miżura għandha wkoll l-iskop li tilħaq prattiċi sostenibbli sabiex innaqsu l-impatt tal-agrikoltura fuq l-ambjent. – bħal per eżempju strateġiji li jnaqqsu l-akkumulazzjoni ta' skart li jista' jkollu impatt ħazin fuq l-ambjent; tnaqqis ta' dipendenza fuq riżorsi naturali sabiex jiġu kkonservati kif ukoll riċiklaġġ ta' dawn ir-riżorsi.

Dan ikun qed jinkwadra fil-viżjoni li għandu l-gvern għall-kommunitajiet sostenibbli. Li tagħrfu tutilizzaw prattiċi għall-ħarsien tal-ambjent f'xogħlkom ikun qed jgħin fl-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżna. Il-gvern ma jistax jasal għal waħdu għall-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżna.

Nenfasizza l-punt li l-fondi Ewropej biex ittejbu l-operat tagħkom jeżistu. U t-tagħrif jeżisti wkoll. Dan għandu jservi ta' inċentiv għalikom biex tapplikaw u tagħmlu użu tajjeb minn din il-Miżura.

Nixtieq nirringrazzja lill-MEUSAC għar-rwol tagħhom biex jipprovdu informazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' Programmi tal-UE, kif ukoll lill-MRRA li qed joperaw din il-miżura. Nirringrazzja wkoll lill-BOV għas-sehem tagħhom fejn ipprovdewlkom informazzjoni dwar għajnuna biex tiffinanzjaw il–proġetti. Grazzi lilkom ukoll tal-interess li qed turu.